MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2011

Numru. 147/2002

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT MARTIN SAMMUT**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**CHARLES SAMMUT ta' 43 sena, iben Romeo u Margaret nee' Caruana, imwieled Tal-Pieta' nhar id-29.11.1967, residenti fil-fond 68, Triq is-Suq, Floriana, jew 20, Flat 4, Triq Manuel Dimech, Sliema, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 491167M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **CHARLES SAMMUT** li gie akkuzat talli:

1. Nhar id-19 ta’ Novembru, 2001, u fid-diversi xhur ta’ qabel, gewwa Tas-Sliema, u bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti li saru fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbhin b’qerq u cioe’ diversi hwejjeg bil-marka Nike, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji quddiem din il-Qorti, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni;

Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat fl-istadju ta’ l-interrogatorju, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jahseb dwar l-istess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, din il-Qorti qieghda ssib lil-imsemmi mputat hati, u dan wara li rat l-Artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Considerando z-zmien li ghadda biex inbdiet il-kawza u kif ukoll l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat;
B’uniformita’ tal-gudizzju minhabba s-sentenza gia’ moghtija fil-konfornt tal-ko-imputat Paul Cuatjar, qieghda tillibera lill-imsemmi mputat Charles Sammut bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2), u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-24 bicca hwejjeg ezebiti formalment nhar l-24.03.2011 bhala Dok MS1.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------